MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 939/2011

**Angelo Zahra noe**
**Vs**
**Rev Adriano Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Novembru, 2011 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat biex jirrifondi favur dar Nazareth l-ammont ta' sitt mija u sitta u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€636.56) konsistenti f'*cheque* illi l-konvenut sarraf illegalment u li bi dritt l-ammont tieghu irid jigi mghoddi lill-attur nomine.

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' April, 2011 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi b'risposta pprezentata fil-5 ta' Dicembru, 2011il-konvenut eccepixxa illi qed jikkontesta l-pretenzjoni tal-attur peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi fl-ewwel lok jekk il-Fondazzjoni Nazareth ghadiet xi flus lill-esponenti dan ghamlitu ghaliex dawn kienu dovuti lilu.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontesta l-quantum mitlub mi-rikorrenti stant illi huwa qatt ma' rcieva dan l-ammont hekk kif indikat fit-talba attrici.

Xehed l-attur Angelo Zahra li spjega illi huwa l-President u l-Amministratur tal-Fondazzjoni Nazreth. Din il-Fondazzjoni tiehu hsieb persuni b'dizabilita li jmorru jghixu hemm. F'din il-Fondazzjoni hemm tlett idjar u sebgha u ghoxrin persuna tghix hemm. Fl-10 ta' Jannar, 2011 kien mar jghix maghhom Raphael Camilleri. Qabel mar jghix dar Nazreth Raphael Camilleri kien jghix mal-konvenut. Il-President mar id-dipartiment tas-Sigurta Socjali sabiex jaqleb ic-cekk tal-pensjoni ta' dan Raphael peress illi mar jghix Nazareth. Dan jigri billi meta persuna tmur tghix Dar Nazareth, il-Fondazzjoni tiehu zewg terzi mill-pensjoni. Pero gie nfurmat illi fid-19 ta' Jannar, 2011 ic-cekk kien gie msarraf mill-konvenut. Ic-cekk kien ghal-ammont ta' sitt mija u sitta u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€636.56) liema ammont ikopri parti mill-pensjoni bejn il-15 ta' Jannar, 2011 sat-12 ta' Frar, 2011 u parti ohra pensjoni tas-sena 2011 peress illi l-pensjoni tithallas bil-quddiem. L-attur baghat tlett ittri lill-konvenut sabiex jitolbu l-hlas ta' dawn il-flus izda baqa minghajr risposta.

Mistoqsi in kontro ezami jekk Raphael ingiebx mill-konvenut, ix-xhud jghid illi Raphael ingieb min-nanna tieghu u li ma jafx kemm kien ilu jghix mal-konvenut. Jghid ukoll illi c-cekk jista jissarraf biss minn Raphael jew minn Rev Adriano Cachia pero f'kazijiet hekk li jigri hu li c-cekk jintbaghat lura u jinhareg fuq Raphael u l-Fondazzjoni.

Xehed il-konvenut Reverend Adriano Cachia fejn spjega illi hu ilu erbghin sena jqaddesu minn dejjem kien jiehu hsieb zaghzagh anki dawk li johorgu mill-Qorti. Hu l-ewwel dar kienet B'Kara izda llum din jiehdu hsiebha patrijiet ohra u hi jiehu hsieb dar fir-Rabat fejn jiehu hsieb zghazagh b'dizabilta mentali. Fil-2003 kienu kkomunikaw mieghu tal-Agenzjia Appogg u nfurmawh illi kien hemm tifel ta' tnax il sena li kien jiggerra barra peress illi l-genituri tieghu kienu ssperaraw. It-tifel kien gie deciz illi jibqa mal-konvenut b'decizjoni tal-Appogg. Meta t-tifel wasal ghand il-konvenut lanqas kien jaf jaqdi l-bzonnijiet personali tieghu. L-IQ tieghu kien baxx hafna. Lil Raphael, il-konvenut gabu 'l quddiem hafna u dan bl-ghajnuna wkoll

ta’ zaghzugh iehor li jghix mal-konvenut li llum ghandu ‘l fuq minn erbghin sena u jghin lil konvenut fit-tmexxija tad-dar.
Raphael Camilleri tghallem hafna u llum jaf jinhasel, jilbez wahdu u ghandu awtonomija tieghu, anki johrog wahdu u jirritorna fil-hin tghallem. Sahansitra kien qed jiehu hsieb il-mahzan tal-kazin tal-banda l-Isle Adam u kien ser jibda jithaddem bhala *caretaker* hemmhekk, fejn anki cavetta tal-post kienu tawh biex jidhol kmieni u jara li kollox kien sew u nadif.
Il-konvenut jispjega illi mieghu t-tfal jitghallmu hafna peress illi f’din id-dar ma ghandhom ghajnuna ta’ xejn la jmur hadd jahslilhom u lanqas inaddfilhom ghalhekk it-tfal jigu nvoluti hafna fit-tmexxija tad-dar anki fit-tisjir u ghalhekk jitghallmu hafna. Kien ikollu l-laqghat anki ma psikjatri li jghidulu li t-tifel gej il quddiem.
L-istorja ta’ Raphael il-konvenut jispjegaha billi jghid illi dan kien tifel addotat mir-Rumanija pero l-genituri addotivi tieghu qatt ma fittxewh jew taw kasu. Filfatt hu kien ikellimhom u jiehu t-tifel ghandhom pero huma qatt ma fittxewh. L-Appogg kienu qaluli li huma kellhom dritt fuq it-tifel sakemm jaghlaq tmintax wara ma jibqax tahthom pero peress illi t-tifel kien ghalaq it-tmintax u kien ghadu ghand il-konvenut ta’ l-Appogg kienu qalulu li huma kienu jistghu jghatuh kull ghajnuna li kellu bzonn. Filfatt Raphael baqa’ mal-konvenut sakemm ghalaq wiehed u ghoxrin sena. Sa dan iz-zmien il-konvenut kien jiehu hsieb kollox hu ta’ Raphael fis-sens illi c-cekkijiet tas-Social Welfare kienu anki jaslu f’isem il-konvenut.
Darba minnhom kienet cemplet in-nanna tat-tifel u nfurmat lill-konvenut li kienet gejja ghat-tifel. Il-konvenut haseb illi kienet ser tmur ghalih u tiehdu gurnata ghaliex kien ilu jheggigha sabiex it-tifel jehduh gurnata u jgawdihom izda n-nanna riedet it-tifel biex tiehdu ghand Dun Ang. Dun Ang kellu sodda vojta u ried jimliha. Meta jinghad hekk ifisser illi Dun Ang u l-istitut tieghu jiehdu *allowance extra* ta’ kull pazjent mhux bhala konvenut ma jiehu xejn iktar minn dak li jkollhom it-tfal.
F’dan iz-zmien Rapael kien qed jigi involut fil-kazin tal-banda tar-Rabat. Tant illi anki cavetta tal-post kellu biex imur inaddaf kmieni u jiehu hsieb. Lil Raphael kienu ser jibdew ihaddmuh bhala *caretaker* mill-kazin stess. Meta

kienu gew u hatfu lil Raphael kien il-Hadd u kienu ghamlu xi *drinks* il-Kazin peress illi l-konvenut ghalaq zmienu. Kienu hatfuh zewg hutu u maghhom giet in-nanna. Hut Raphael litteralment hatfuh u kaxxkruh il barra. Il-konvenut li ma xtaqx kien li t-tifel jittiehed b'dak il-mod, kien jaf li t-tifel mhux tieghu pero l-affarijiet ma jsirux hekk. Il-konvenut imbaghad ghamel rapport u informa lill-omm it-tifel li mal-ewwel uriet ix-xewqa li t-tifel jibqa' mal-konvenut.

Il-konvenut ghamel minn kollox ghal dan it-tifel, involva l-Appogg u kull ma setgha jaghmel pero' l-Appogg infurmawh illi minhabba t-tifel ma jaqax taht il-kompetenza taghhom. Il-konvenut rigward ic-cekk jghid illi kien sarfu erbghat ijiem wara li hadu lit-tifel pero dak iz-zmien hadd ma kien ghadu nfurmah illi ma kienx baqa' amministratur tat-tifel. Qatt ma rcieva xejn biex juri min hu l-amministratur tat-tifel la minghand tal-Appogg u lanqas minghand is-Support.

Mistoqsi in kontroezami l-konvenut jghid illi c-cekk li sarraf li tal-perjodu minn Jannar il quddiem u c-cekk sarrfu f'Jannar. Jghid ukoll illi fl-10 ta' Jannar, 2011 Raphael ma kienx ghadu taht il-kustodja  tieghu. L-konvenut jghid illi sad-9 ta' Jannar, 2011 Raphael kien ghadu mieghu pero fl-10 ta' Jannar, 2011 ittiehed u lanqas gie avzat fejn ser jittiehed. Patri Adriano jghid illi c-cekk sarrfu ghaliex Raphael kien ghadu jghajjat lilu. Ic-cekk sarrfu fid-19 ta' Jannar, 2011. Jghid ukoll illi minkejja li t-tifel kellu 22 sena decizjoni ma kienx jista jehodha u minghand il-konvenut Raphael telaq jibki. Meta t-tifel ittiehed ghand il-konvenut ittiehed minn misseru flimkien ma' rapprezentant tal-Appogg.

Xehed ukoll Joseph Falzon permezz ta' affidavit li kkonferma illi Raphael ittiehed abbuzivament u gie mahtuf bil-forza u dan kontra l-volonta kemm ta' Raphael stess kif ukoll ta' Fr Adriano Cachia.

Xehed ukoll il-psikjatra Dr Joseph Cassar li qal li jaf lil Raphael meta kien ghadu jipprattika bhala psikjatra u jaf li Raphael kellu *learning disability*. Pero fid-dar fejn kien qed jghix kellu ambjent tajjeb ta' dar u familja kif nafuha ahna. Fil-fehma tieghu Patri Adriano kien gharaf imexxi sew lil Raphael anki fid-dizabilita tieghu u filfatt is-sitwazzjoni tieghu kienet tjiebet hafna. Minkejja dan Raphael ma

setax jiehu decizjoni wahdu u kellu bzonn li kuratur jiehu decizjonijiet ta’ importanza ghalih.

Xehdet Carmen Camilleri li tigi l-omm addottiva ta’ Raphael Camilleri li spjegat illi lil Raphael addottatu meta kellu sena u ghaxar xhur. Pero fid-dar kien hemm hafna problemi u anki swat kien jaqla minghand missieru addottiv. L-omm riedet li t-tifel jibqa mal-konvenut pero n-nanna paterna riedet lit-tifel imur ma’ Dun Ang. Ix-xhud ma rieditx li t-tifel imur ma’ Dun Ang peress illi hemmhekk kien ha jkun ma’ *handicapped* u *retarded* aghar minnu. Hi tghid illi meta t-tifel kien ma’ Patri Adriano hi bhala ommu kellha kuntatt kontinwu u issa ma’ Dun Ang biex tarah trid tghaddi minn Bord.

It-Tribunal iqis illi meta l-konvenut sarraf ic-cekk kien jaf li t-tifel ma kienx fil-kustodja tieghu iktar u iktar meta c-cekk kien jirraprezenta perjodu bil-quddiem. Ma ngabitx prova jew gie allegat illi t-tifel rega lura mal-konvenut anzi l-provi juru illi Raphael Camilleri baqa’ mal-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u sitta u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu lill-attur, imqassmin fi tlett pagamenti  u fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas is-sehem taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------